Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 18 ta' Novembru 2022**
**(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2022/0379(COD)**

**14973/22**
**ADD 3**

**TELECOM 474**
**DIGIT 214**
**CYBER 375**
**CODEC 1778**
**IA 193**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 18 ta' Novembru 2022 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | SWD(2022) 722 final |
| Suġġett: | DOKUMENT TA’ ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi miżuri għal interoperabbiltà tas-settur pubbliku ta' livell għoli madwar l-Unjoni kollha (Att dwar Ewropa Interoperabbli) |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument SWD(2022) 722 final.

Mehmuż: SWD(2022) 722 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.11.2022
SWD(2022) 722 final

**DOKUMENT TA’ ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

**SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

*Li jakkumpanja d-dokument*

**Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi miżuri għal interoperabbiltà tas-settur pubbliku ta' livell għoli madwar l-Unjoni kollha**
**(Att dwar Ewropa Interoperabbli)**

{COM(2022) 720 final} - {SEC(2022) 720 final} - {SWD(2022) 720 final} - {SWD(2022) 721 final}

MT MT

Dan ir-rapport jippreżenta l-evalwazzjoni back-to-back tal-Qafas għall-Interoperabbiltà Ewropew (EIF) u l-valutazzjoni tal-impatt għal politika msaħħa dwar l-Interoperabbiltà tal-Gvernijiet Ewropej.

## 1. Enfasi fuq il-politika u l-ħtieġa li tittieħed azzjoni

L-interoperabbiltà mhijiex għan fiha nnifisha. Hija strument, wieħed li sar aspett ċentrali tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika abilitata diġitalment. L-interoperabbiltà tippermetti lill-organizzazzjonijiet jinteraġixxu, jikkondividu l-informazzjoni u l-għarfien fil-livelli kollha b'mod bla xkiel permezz tas-sistemi tal-IT tagħhom. Dan imur lil hinn mill-mezzi tekniċi, jeħtieġ ftehimiet bejn organizzazzjonijiet differenti, deskrizzjonijiet miftiehma tad-*data*, liġijiet li jiffaċilitaw l-iskambji tad-*data* u kultura ta' kooperazzjoni.

L-interoperabbiltà hija essenzjali għad-diġitalizzazzjoni, li dejjem qed tiżdied fl-Ewropa, tas-suq uniku. L-interoperabbiltà għandha rwol *f'* politiki settorjali, b'mod partikolari dawk b'rabta qawwija mas-settur pubbliku, bħall-ġustizzja u l-affarijiet interni, it-tassazzjoni u d-dwana, it-trasport, is-saħħa, kif ukoll fir-regolamentazzjoni tan-negozju u tal-industrija. L-interoperabbiltà hija tema rikorrenti fi ħdan in-Networks Trans-Ewropej u fil-politiki diġitali u tad-*data*. Politika *orizzontali* ddedikata tal-UE għall-interoperabbiltà ilha teżisti għal aktar minn 15-il sena, b'enfasi speċifika fuq is-settur pubbliku. Il-Kummissjoni ilha tmexxi programmi ta' appoġġ għall-interoperabbiltà mill-1995 u issa dawn saru parti mill-Programm Ewropa Diġitali. EIF ġie fformulat għall-ewwel darba fl-2004 u aġġornat fl-2010 u l-2017. L-EIF jisħaq fuq l-importanza li jitqiesu l-aspetti u s-saffi rilevanti kollha – dawk tekniċi, semantiki, organizzazzjonali u legali – kif ukoll li jittieħed approċċ ta' governanza integrata.

Illum l-EIF huwa *l*-qafas kunċettwali aċċettat b'mod komuni għall-interoperabbiltà fl-UE, u lil hinn minnha. Madankollu, għadu kompletament volontarju u għal din ir-raġuni, kif turi l-evalwazzjoni tal-EIF, qed jissottosfrutta b'mod konsiderevoli l-potenzjal tiegħu li jnaqqas il-piż amministrattiv u jtejjeb l-implimentazzjoni tal-politika[1]. F'dan l-isfond, u bit-trasformazzjoni diġitali li qed tiżdied, il-ministri għat-trasformazzjoni tas-settur pubbliku u l-uffiċjali ewlenin tal-informazzjoni (CIOs) tal-Istati Membri qed jitolbu dejjem aktar għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni Ewropea fl-interoperabbiltà. Diġà qabel il-COVID-19 huma insistew fil-ġeneralizzazzjoni tal-applikazzjoni tagħha[2]. Din id-domanda ssaħħet minħabba l-ħtieġa li tittejjeb l-interazzjoni diġitali transfruntiera u transsettorjali matul ir-rispons għall-kriżi.

Il-Kummissjoni rrikonoxxiet il-ħtieġa li taġixxi[3] u impenjat ruħha li tippreżenta politika tal-interoperabbiltà msaħħa sas-sajf tal-2022[4].

## 2. Problemi u objettivi ta' politika

[1] Ara r-riżultati tal-evalwazzjoni finali tal-EIF, SWD(2022) 720 final.

[2] Pereżempju d-dikjarazzjonijiet ministerjali ffirmati fl-2017 f'Tallinn (https://www.mkm.ee/en/objectives-activities/information-society/tallinn-declaration) u fl-2020 f'Berlin (https://www.bmi.bund.de/SharedDocs/pressemitteilungen/EN/2020/12/berlin-declaration-digitalization.html) u r-rakkomandazzjonijiet mill-membri tal-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni dwar l-interoperabbiltà tas-servizzi pubbliċi (https://ec.europa.eu/transparency/expert-groups-register/screen/expert-groups/consult?lang=mt&groupID=3714).

[3] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Shaping's Europe Digital Future of February 2020, COM/2020/67 (https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/communication-shaping-europes-digital-future-feb2020_en_4.pdf).

[4] Il-programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2022, COM(2021) 645 (https://eur-lex.europa.eu/resource.html?uri=cellar%3A9fb5131e-30e9-11ec-bd8e-01aa75ed71a1.0001.02/DOC_2&format=PDF), paġna 7.

Ir-riżultati tal-evalwazzjoni tal-EIF u l-valutazzjoni tal-impatt juru li l-istruttura informali attwali tal-politika tal-interoperabbiltà, ibbażata biss fuq miżuri volontarji, mhijiex biżżejjed biex tgħin biex jitneħħew l-ostakli transfruntiera u transsettorjali mis-settur pubbliku tal-UE. L-interoperabbiltà limitata tas-servizzi u tad-*data* tal-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-UE twassal għal servizzi pubbliċi diġitali limitati, li mhumiex kapaċi jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom u jilħqu l-għan Ewropew li jkun hemm Suq Uniku Diġitali. Dan iżid l-ispejjeż u jnaqqas l-effiċjenzi fil-livelli kollha tal-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-Unjoni Ewropea, iżid il-piżijiet amministrattivi fuq iċ-ċittadini, in-negozji u l-amministrazzjonijiet infushom, idewwem l-implimentazzjoni tal-politiki Ewropej mill-Istati Membri u t-twettiq tas-Suq Uniku Diġitali, jillimita l-potenzjal għall-innovazzjoni u jxekkel is-sovranità diġitali tal-UE. Il-valutazzjoni tal-impatt tidentifika dawn il-kawżi ta' problemi:

- Governanza tal-interoperabbiltà ineffiċjenti tal-isforzi bejn il-politiki tal-UE, il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri fil-livelli amministrattivi (nazzjonali, reġjonali, lokali) u s-setturi kollha;
- Nuqqas ta' speċifikazzjonijiet minimi komuni tal-interoperabbiltà, soluzzjonijiet kondiviżi, standards; u
- Nuqqas ta' approċċ tal-"interoperabbiltà b'mod awtomatiku" fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE

Il-qafas regolatorju l-ġdid u l-komunikazzjoni li takkumpanjah għandhom l-għan li jsaħħu l-interoperabbiltà biex jiżguraw li s-servizzi pubbliċi diġitali jaħdmu bejn il-fruntieri u għal kulħadd fl-Ewropa, billi jrawmu approċċ koerenti u ċċentrat fuq il-bniedem għall-interoperabbiltà mibnija fid-disinn mit-tfassil tal-politika għall-implimentazzjoni tal-politika madwar l-Ewropa kollha, filwaqt li jistabbilixxu governanza ċara u ekosistema ta' soluzzjonijiet u speċifikazzjonijiet.

In-nuqqas ta' azzjoni biex titjieb l-interoperabbiltà mhux biss iwassal biex l-UE titlef l-opportunità li tnaqqas b'mod konsiderevoli l-piż amministrattiv, iżda jaffettwa wkoll b'mod negattiv ir-reżiljenza tal-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-kapaċità tagħhom li jinnovaw. Il-qafas ta' politika attwali tal-kooperazzjoni volontarja dwar l-interoperabbiltà fl-EIF mhuwiex adattat biex isaħħaħ l-interoperabbiltà transfruntiera. Huwa nieqes minn approċċ sistemiku ta' interoperabbiltà mid-disinn fit-tfassil tal-politika, riżorsi ta' implimentazzjoni komuni, u sjieda kondiviża.

## 3. GĦAŻLIET TA' POLITIKA, IMPATT MISTENNI U GĦAŻLA PPREFERUTA

Din il-valutazzjoni tal-impatt tqabbel tliet għażliet, minbarra l-linja bażi ta' nuqqas ta' azzjoni. Il-linja bażi u l-għażla 1 ikomplu l-approċċ volontarju attwali, bl-għażla 1 tfittex żvilupp gradwali kontinwu tal-EIF. L-għażliet 2 u 3 jipproponu azzjoni leġiżlattiva fejn l-għażla 2 tiffoka fuq l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' kooperazzjoni strutturali b'mandat ċar li jiżgura l-iżvilupp u ż-żamma kontinwi ta' risorżi komuni tal-interoperabbiltà miftiehma, kif ukoll sabiex jiġu deċiżi sperimentazzjoni komuni u proġetti ta' appoġġ politiku ffukati. L-għażla 3, li tħares aktar fil-bogħod, tiffoka fuq l-istabbiliment ta' rekwiżiti minimi tal-interoperabbiltà Ewropej applikabbli direttament bil-liġi, li jiġu aġġornati permezz ta' deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni.

Il-valutazzjoni tal-impatti mistennija turi li l-linja bażi u l-għażla 1 mhux se jindirizzaw b'mod adegwat id-dgħufijiet identifikati mill-evalwazzjoni tal-EIF, prinċipalment minħabba inċentivi limitati għall-kooperazzjoni. Barra minn hekk, l-ebda waħda minnhom ma tissodisfa l-aspettattivi politiċi u operazzjonali tal-Istati Membri[5]. L-għażla 3 hija mistennija tkun effettiva, għalkemm biss matul iż-żmien u bi sforz ta' implimentazzjoni u kost konsiderevoli

[5] Bħal pereżempju fl-ewwel kapitolu tar-rakkomandazzjonijiet tal-grupp ta' esperti.

ħafna. Hija mistennija li tkun inqas effettiva fl-iżgurar ta' rispons flessibbli u li jibqa' validu fil-futur għall-ħtiġijiet teknoloġiċi u ta' politika li jevolvu malajr. L-għażla 3 x'aktarx ukoll li tirċievi inqas appoġġ politiku minħabba n-natura estensiva tagħha u minħabba li hija sensittiva ħafna għas-sussidjarjetà (pereż., fir-rigward tas-sistemi miruti tal-Istati Membri).

L-għażla 2 hija l-għażla preferuta. L-għażla li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' kooperazzjoni strutturata hija mistennija li tagħti l-istabbiltà u ċ-ċertezza (legali) mitluba mill-Istati Membri filwaqt li tiżgura l-flessibbiltà meħtieġa għall-iżvilupp kontinwu tar-riżorsi komuni tal-interoperabbiltà, b'reazzjoni għall-ħtiġijiet tal-politika li dejjem jevolvu. Minflok ma tispeċifika r-rekwiżiti (minimi) tal-interoperabbiltà direttament fil-liġi (kif tagħmel l-għażla 3), l-għażla 2 tiffoka fuq l-istabbiliment ta' rekwiżiti tal-proċess, aktar xierqa għal bidla teknoloġika rapida u aktar proporzjonali meta jitqies l-impatt fuq is-sistemi miruta. Governanza tal-interoperabbiltà komuni tal-UE hija mistennija li tiżgura kooperazzjoni minn isfel għal fuq u sjieda konġunta minn fuq għal isfel mill-partijiet ikkonċernati ewlenin fl-Istati Membri, filwaqt li tibni ekosistema ta' soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà kondiviżi. Dan jiffaċilita l-involviment fi stadju bikri fit-tfassil tal-politika u fl-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' ko-investiment u ttejjeb l-implimentazzjoni tal-politika. Għal dawn ir-raġunijiet, l-għażla 2 ma hijiex theddida iżda faċilitatur għas-sussidjarjetà, li ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-amministrazzjonijiet pubbliċi u s-sovranità diġitali.

Minħabba n-natura abilitanti tagħha għall-politiki, l-impatt dirett tal-interoperabbiltà huwa diffiċli li jiġi kkwantifikat. Studju miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) tal-Kummissjoni[6] jistma potenzjal ta' ffrankar notevoli, jew kost għan-nuqqas ta' azzjoni: iċ-ċittadini jistgħu jiffrankaw sa 24 miljun siegħa fis-sena minħabba interoperabbiltà aħjar, li jirrappreżentaw EUR 543 miljun; in-negozji jistgħu jiffrankaw 30 biljun siegħa jew EUR 568 biljun fis-sena. L-iffrankar stmat tal-ispejjeż bis-saħħa tal-interoperabbiltà transfruntiera jvarja bejn EUR 5,5 u 6,3 miljun għaċ-ċittadini, u bejn EUR 5,7 u 19,2-il biljun għan-negozji.

## 4. PROĊESS TA' EVALWAZZJONI U VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Dan ir-rapport ta' evalwazzjoni u ta' valutazzjoni tal-impatt back-to-back jibni fuq l-evalwazzjonijiet tal-EIF u tal-programm ta' appoġġ għall-interoperabbiltà tal-ISA$^2$[7] imwettqa bejn Settembru 2020 u Settembru 2021. Huwa jibbaża fuq analiżi mwettqa minn kuntrattur estern indipendenti[8] u sorsi internazzjonali bħall-OECD. Sors importanti addizzjonali għar-rapport huwa l-istudju tal-JRC imsemmi fil-punt 3, dwar il-kwantifikazzjoni tal-impatt fuq l-interoperabbiltà, abbażi tal-ħidma li ilha għaddejja tiegħu dwar l-interoperabbiltà tal-post.

Minħabba s-sensittività tas-sussidjarjetà tat-tfassil ta' politika msaħħa tal-UE dwar l-interoperabbiltà tal-gvernijiet, il-Kummissjoni kienet qed tfassal b'mod konġunt għażliet ta' politika u toħloq b'mod konġunt elementi ta' azzjoni leġiżlattiva possibbli mal-uffiċċji tas-CIO tal-Istati Membri matul l-2020 u l-2021. Ir-rakkomandazzjonijiet adottati f'Ottubru 2021 mill-grupp ta' esperti tal-Istati Membri tal-Kummissjoni (CIOs u dipartimenti tat-trasformazzjoni diġitali) għalhekk jagħtu ħarsa dettaljata lejn l-aspettattivi ewlenin tal-partijiet

---

6 Ulrich, P., Duch Brown, N., Kotsev, A., Minghini, M., Hernandez Quiros, L., Boguslawski, R. u Pignatelli, F., Quantifying the Benefits of Location Interoperability in the European Union, EUR 31004 EN, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, Il-Lussemburgu, 2022, ISBN 978-92-76-48846-0, doi:10.2760/72064, JRC127330.

7 Ara l-evalwazzjoni finali tal-EIF, SWD(2022) 720 final, u l-evalwazzjoni finali tal-programm ISA$^2$ , COM/2021/965 final, SWD/2021/965 final.

8 Ara, pereżempju, CEPS (2021): Study supporting the evaluation of the implementation of the EIF, European Commission. DOI: 10.2799/58201 u CEPS (2021): Study supporting the final evaluation of the programme on interoperability solutions for European public administrations, businesses and citizens (ISA$^2$), il-Kummissjoni Ewropea. DOI: 10.2799/94683.

ikkonċernati, kif jagħmlu d-dikjarazzjonijiet ministerjali ffirmati f'Tallinn fl-2017 u f'Berlin fl-2020.